DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2019/1664

tat-30 ta' Settembru 2019

li tawtorizza laboratorju fl-Ukrajna biex iwettaq testijiet seroloġiċi biex jimmonitorja l-effikaċja tat-tilqim tal-klieb, tal-qtates u tal-inmsa kontra l-marda tar-rabja

(notifikata bid-dokument C(2019) 6906)

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2000/258/KE tal-20 ta' Marzu 2000 li taħtar istituzzjoni speċifika sabiex tkun responsabbli biex tistabbilixxi l-kriterji neċessarji għall-istandardizzazzjoni ta' testijiet seroloġiċi biex issegwi l-effettività tat-tilqim kontra l-idrofobija ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 3(2) tagħha,

Billi:

(1) Id-Deċiżjoni 2000/258/KE ħatret lill-Agence française de sécurité sanitaire des aliments (l-AFSSA) f'Nancy, Franza, bħala l-istitut speċifiku responsabbli għall-iffissar tal-kriterji meħtieġa biex jiġu standardizzati t-testijiet seroloġiċi għall-monitoraġġ tal-effikaċja tat-tilqim kontra r-rabja. L-AFSSA issa ġiet integrata fl-Agence nationale de sécurité sanitaire de l'alimentation, de l'environnement et du travail (l-ANSES) fi Franza.

(2) Fost l-oħrajn, id-Deċiżjoni 2000/258/KE tipprevedi li l-ANSES għandha tivvaluta l-laboratorji f'pajjiżi terzi li jkunu applikaw għall-approvazzjoni biex iwettqu testijiet seroloġiċi għall-monitoraġġ tal-effikaċja tat-tilqim kontra r-rabja.

(3) L-awtorità kompetenti tal-Ukrajna ressqet applikazzjoni għall-approvazzjoni tal-laboratorju "NeoVetlab Ukraine Ltd" f'Kiev, u l-ANSES stabbiliet u ssottomettiet lill-Kummissjoni rapport ta' valutazzjoni favorevoli bid-data tal-14 ta' Settembru 2018 għal dan il-laboratorju.

(4) Il-laboratorju "NeoVetlab Ukraine Ltd" f'Kiev għandu għalhekk ikun awtorizzat iwettaq testijiet seroloġiċi biex jimmonitorja l-effikaċja tat-tilqim tal-klieb, tal-qtates u tal-inmsa kontra r-rabja.

(5) Il-miżuri previsti f'din id-Deċiżjoni huma skont l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Pjanti, l-Annimali, l-Ikel u l-Għalf,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

F'konformità mal-Artikolu 3(2) tad-Deċiżjoni 2000/258/KE, il-laboratorju msemmi hawn taħt huwa b'dan awtorizzat iwettaq testijiet seroloġiċi għall-monitoraġġ tal-effikaċja tal-vaċċini kontra r-rabja fil-klieb, fil-qtates u fl-inmsa:

NeoVetlab Ukraine Ltd.
11, Akademika Viliamsa str., apt.101
Kiev, 03191
L-Ukrajna

([1]) ĠU L 79, 30.3.2000, p. 40.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tapplika mill-1 ta' Ottubru 2019.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussell, it-30 ta' Settembru 2019.

Għall-Kummissjoni
Vytenis ANDRIUKAITIS
Membru tal-Kummissjoni